

Kull min fil-jumejn li għaddew żar l-iskola l-ġdida fil-Mosta fl-*open days* li kienu organizzati, ra b'għajnejh il-viżjoni li l-PN għandu għas-settur edukattiv f'pajjiżna biex uliedna jkomplu jirċievu l-aqwa servizzi edukattivi li jinkuraġġuhom ikomplu bl-istudji tagħhom aktar 'il quddiem. Ir-ritratt juri l-Villaġġ tal-Milied li kien organizzat waqt l-open days. (Ritratt: Alex Degabriele)

# Gvern immexxi mill-Prim Ministru Gonzi hu l-gvern tal-edukazzjoni



minn David
**AGIUS**
david.agius@
parlament.mt

Jekk hemm fattur li żgur jidentifika lill-Gvern Nazzjonalista mmexxi minn Lawrence Gonzi hu l-fatt li nfetħet skola ġdida kull sena.

### Skola ġdida kull sena

Waqt id-diskors tal-baġit il-Prim Ministru ta lista tal-iskejjel li nfetħu f'dawn l-aħħar snin: San Benedittu sekondarja subien Kirkop, San Injazju sekondarja subien Qormi, Santa Margerita sekondarja subien Bormla, Santa Klara primarja Pembroke, sekondarja subien f'Għawdex u din il-ġimgħa l-iskola Maria Reġina sekondarja subien Mosta. Is-sena d-dieħla tinfetaħ San Injazju sekondarja bniet Qormi u nbeda x-xogħol fuq San Benedittu sekondarja bniet Kirkop kif ukoll skejjel oħrajn.

L-aktar skola ġdida reċenti kienet proprju l-inawgurazzjoni tal-iskola l-ġdida tas-subien tal-Mosta. Nistqarr li mort skejjel differenti, anke dawk ġodda li semmejt hawn fuq, iżda bqajt impressjonat b'din l-iskola ġdida tal-Mosta. Kif seta' jara kull min mar għall-*open days* li saru fi tmiem din il-ġimgħa, jaqbel li l-wesgħat miftuħin u l-kurituri bħal donnhom toroq imsaqqfin, jgħaxxquk. Jagħtuk l-idea li dan hu villaġġ edukattiv li fih qegħdin nitgħallmu lkoll flimkien. Titneħħa malajr l-idea ta' kif għandha tkun klassi meta tidħol fil-kmamar fejn jitgħallmu t-tfal u tara kemm huma mdawlin u l-mod kif il-blokki differenti tal-bini huma mtarrġin. Ilkoll għandhom veduta mill-isbaħ tar-rotunda tal-Mosta.

Ftit li xejn hemm bżonn jinxtegħel id-dawl elettriku, iżda jekk stess ikun hemm bżonn, is-sistema tieħu ħsieb li ma jkunx hemm dawl jixgħel għalxejn. Dan fih innifsu għandu valur doppju. Apparti li ma jkunx hemm ħela, dan fih innifsu hu opportunità biex ngħallmu fuq kif naħdmu għal ambjent aħjar bl-użu tajjeb tal-enerġija. L-istess jista' jingħad għall-panelli fotovoltajċi li wieħed isib fuq il-bejt.

L-istudenti bniet li jattendu l-iskola sekondarja tal-Mosta wkoll qegħdin jibbenefikaw minn proġett ta' tisbiħ fl-iskola. Saret estensjoni ta' sular kif ukoll *refurbishment* qawwi fuq ġewwa fejn fost l-oħrajn l-iskola saret aċċessibbli għal kulħadd.

### Skola ġdida miftuħa f'ġimgħa partikulari

Il-ftuħ uffiċjali tal-iskola l-ġdida tas-subien tal-Mosta trid tittieħed fil-perspettiva ta' meta saret. F'din il-ġimgħa sar seminar nazzjonali dwar l-abbozz tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali l-ġdid. F'dan is-seminar iltaqgħu nies minn oqsma differenti mhux biss għalliema u studenti. Hadu sehem ukoll ġenituri, nies minn korpi kostitwiti u l-pubbliku b'mod ġenerali. Id-diskussjonijiet ittrattaw il-bidliet li għaddej minnhom il-qasam edukattiv f'pajjiżna.

Qed isehħu bidliet f'dak li jiġi mgħallem u fil-mod kif dan jiġi mgħallem.Allura qed isiru bidliet fis-suġġetti li qegħdin jingħaqdu flimkien kif ukoll it-tip ta' tagħlim li jsir hu skont il-livelli differenti tat-tfal fil-klassi mingħajr ma jaqsam l-istudenti bejn dawk li jgħaddu u dawk li ma jgħaddux minn xi eżami. Qegħdin isehħu bidliet ukoll fil-modi tal-assessjar biex jinhareġ il-potenzjal sħiħ tal-istudent u jwassal biex wieħed jibqa' jitgħallem matul ħajtu u jidħol fid-dinja tax-xogħol bil-ħiliet meħtieġa.

### Biex uliedna jirnexxu lkoll

Tiftakruha l-għajta ta' Louis Galea 'Biex Uliedna Jirnexxu Lkoll'? Din il-viżjoni għadha qed titwettaq illum taħt d-direzzjoni tal-Ministru Dolores Cristina u se tkompli titwettaq taħt Gvern immexxi mill-Prim Ministru Lawrence Gonzi. L-iskejjel ġodda huma biss manifestazzjoni esterna tal-impenn tal-gvern biex jagħti l-aqwa servizz edukattiv lill-istudenti tagħna.

Iżda s-servizz ma jiġix mogħti mill-bini biss iżda fuq kollox minn edukaturi mħarrġin u professjonali. Qed nuża l-kelma edukaturi apposta biex ninkludi lil kull min b'xi mod jagħti servizz lit-tfal u l-familji tagħhom. Minbarra l-għalliema tal-klassi, l-ammont ta' professjonisti li qed jagħtu servizz lill-istudenti żdied permezz ta' *career advisors, trainee counsellors, youth workers* biex insemmu biss tliet servizzi minn bosta. Anke l-għalliema qegħdin jeżerċitaw il-professjoni tagħhom fi żmien li qiegħed iġib miegħu bidliet kbar. Għalhekk nieħu l-opportunità biex nirringrazzjahom f'isem is-soċjetà Maltija tal-impenn tagħhom.

Dawn huma ftit mill-ħafna provi li jġib il-Partit Nazzjonalista b'wiċċu minn quddiem biex juri li hu l-partit tal-edukazzjoni. Persważ li l-iskola sekondarja tas-subien tal-Mosta se tkun ħolqa oħra f'kullana ta' suċċessi għall-Partit Nazzjonalista fil-qasam tal-edukazzjoni li fih ninvestu aktar minn miljun ewro kuljum.

media•link COMMUNICATIONS

NET radio 101 il-mument IN-NAZZJON pin informa maltarightnow.com PING